# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

## Il-Pulizija

## [Spettur Fabian Fleri]

## vs

## Glenn Mallia

Kumpilazzjoni Numru: 755/12

Illum, 21 ta' Jannar, 2022

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Glenn Mallia detentur tal-karta tal-identita` numru 415585(M).

Akkuzat talli f'Marsaskala, matul il-perjodu ta' bejn l-24 ta' Lulju 2010 u x-xhur ta' qabel din id-data b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u liema atti gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Minghajr hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita dritt li jippretendi li ghandu gieghel bl-awtorita` tieghu nnifsu lil xi hadd ihallas dejn jew jesegwixxi obligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lil xi hadd fil-pussesd ta' hwejjgu jew hatt bini jew kiser il-mixi tal-ilma jew ha ilma ghalih jew b'xi mod iehor kontra l-ligi indahal fi hwejjeg haddiehor Art.85(1) Kap 9

2.U aktar talli fl-istess perjodu ta' zmien lok u cirkostanzi approprija ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra minn ogetti ta' haddiehor li kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu that titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat liema ogetti jammontaw ghal aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) u dan ghad-dannu ta' Joseph u Mary konjugi Spiteri minn Birzebbugia u/jew persuni ohra. Art 293 u 294 Kap 9.

Rat illi ghal dawn l-akkuzi l-imputat gie ssentenzjat minn din il-Qorti permezz ta' sentenza datata 21 ta' Novembru 2016 a bazi tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputat ma hallasx l-ammont dovut minnu fiz-zmien stipulat.

Rat ir-rikors ipprezentat mill-parte civile datat 8 ta' Awwissu 2017 a bazi tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet il-provi.

Semghet lil Dr Simon Micallef Stafrace jiddikjara li m'ghandux aktar provi f'dan il-kaz.

Il-Qorti wara li rat l-atti kollha ta' dan il-kaz, wara li rat l-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u stante li l-ammont li gie kkundannat l-imputat fis-sentenza ta' din il-Qorti datata 21 ta' Novembru 2016 ghadu ma thallasx fl-intier

tieghu, qed tordna sabiex is-sentenza sospiza moghtija fid-data supracitata tibda tigi fis-sehh mil-lum.

Finlament, spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

**Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**